# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 78

Il-Ħamis 14 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**78.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-77.

**78.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 77 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**78.3.01** Korrispondenza mingħand l-ERA dwar is-siġar tal-Oleander li jinsabu f'Wied il-Għasri. Il-Kunsill talab sabiex dawn jinqalgħu u minflokhom jitħawlu siġar oħra bħal taż-Żebbuġ.

**78.3.02** Il-Kunsill ġie nnotifikat mingħand il-Wasteserv li l-Kunsill ser jibda jiġi rimborsat l-ammont totali tal-ġbir tal-iskart organiku inkluż il-*contract management fee*. Il-Kunsill iffirma l-ftehim amendat dwar dan.

**78.3.03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Seminar li ser jiġi organizzat nhar l-Erbgħa 3 ta' April bl-isem "Skemi dwar stil ta' ħajja aħjar għaċ-Ċittadin". Dan l-invit huwa għall-kunsilliera u segretarju eżekuttiv.

**78.3.04** Circ. Planning Authority (2/19) *New Reimbursement Procedures for Local Council Related PA funded Projects*. Il-Kunsill talab biex juża parti minn dawn il-fondi għat-twessiegħ ta' Triq il-Ġonna. Iżda din it-talba ma gietx milqugħa.

**78.3.05** Il-Kunsill irċieva DG/K/03/2019 – Protokoll Lokali. Dan id-dokument intbagħat lill-Kunsilliera kollha. Dan id-dokument ser ikun jifforma parti mill-liġi tal-Kunsilli Lokali billi ser jiddaħħal bħala skeda fil-liġi, u għalhekk ser ikun obbligatorju li kull awtorita' lokali taderixxi miegħu.

**78.3.06** DĠ/K/04/2019 Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jiġu żviluppati strateġiji kulturali reġjonali għall-perjodu 2020-2025 id f'id mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali sabiex jiġu identifikanti l-prijoritajiet kulturali fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

**78.3.07** Il-Kunsill Lokali rċieva dokument dwar il-*benchmark for national performance indicators* mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Id-Diviżjoni qed tikkuntratta lill-Sixth Energy Malta biex jagħmlu analiżi u verifika tal-ħames funzjonijiet statutorji tal-Kunsilli Lokali.

**78.3.08** *Ċirkulari Numru SPI/05/2019 Espressjonmi ta' nteress għall-Iskema: Rebbiegħa fil-Komunita' –Xettel b'Ilwien in-Natura.* Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema iżda mhux ser japplika peress li l-Kunsill diġa għamel tisbiħ fil-pjazza riċentiment bix-xtieli u qsari.

**78.3.09** *Cirkulari Numru SPI 4/2019* – Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar. Ir-Regolamenti l-ġodda dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar ġew ipubblikati fil-31 ta' Lulju 2018. Dawn ir-Numru ta' dispożizzjonijiet ġodda ġew imdaħħlin f'dawn ir-regolamenti biex jiżdied il-ħarsien tas-siġar u l-imsaġar f'pajjiżna.

**78.3.10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar *Espressjoni ta' Interess mill-Kunsilli Lokali għal Tħawwil ta' Sigar*. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi kellha talba sabiex jitħawlu siġar fil-konok vojta fi Triq l-Għasri. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jitlob siġar minn din l-iskema għal dan il-għan.

## 78.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**78.4.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia reġa fakkar lill-Kunsill sabiex titranġa r-rampa ta' quddiem dar fi Triq il-Fanal.

**78.4.02** Is-Segretarja nformat lill-Kunsilliera li l-offerta għas-servizz ta' perit u *contract manager* ser terġa tinħareġ peress li l-aħħar waħda ġiet ikkanċellatha.

## 78.5 Proposti għas-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli.

**78.5.01** Kif ġie elenkat f'Ċirkulari 3/2019 Proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat, is-Segretarja Ezekuttiv talbet liż-żewġ skemi awtorizzati biex jagħtu l-proposti tagħhom. Il-Kunsill irċieva biss proposta waħda, dik tal-Green MT. Is-Segretarja kkonfermat mal-Green Pak li huma kienu irċivew il-korrispondenza tagħna u kkonfermaw li mhux ser jibgħatu proposta. Għalhekk il-Kunsill ra l-proposta tal-Green MT u kkonfermaw li mhux ser jagħmlu Bring in Sites fil-lokal. Il-Kunsill approvaw il-proposta tal-Green MT.

## 78.6 Aġġornament tax-xogħolijiet kapitali:

**78.6.01** **Restawr tan-niċċa.** Ir-restawr tan-nicca huwa lest. Jonqos biss id-dawl. Dan għandu jsir minn terzi persuni sabiex jsir kif suppost. Ir-rapport tal-għeluq huwa lest u ġie ffirmat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**78.6.02** **Toroq Measure 4.3** Il-Kunsill għamel diversi talbiet mal-Managing Authority minħabba differenzi fil-kontijiet. Il-Kunsill qed jistenna risposta minghandhom.

**78.6.03** **Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.** Ix-xogħol f'dawn qed toroq għadu għaddej. Fi Triq it-Tamar/Triq il-Fanal il-Korporazzjoni tal-Ilma għadhom ma ddeċidewx hux ser jagħmlu servizz tal-ilma mat-triq kollha. Barra dan ser jibdlu s-servizz tar-rising main tad-drenaġġ. Qabel ma jsir dan ix-xogħol, il-kuntrattur ma jistax jkompli bir-resurfacing. Il-kuntrattur tal-Kunsill għandu jwessa il-kantuniera ta' Triq tal-Fanal ma' Triq it-Tamar. Il-bidwi għandu jingħata kompens sa €200 għal ħsarat.

**78.6.04** **Estenzjoni tal-librerija.** Ix-xogħol fuq l-estenzjoni tal-librerija miexi. Dan għandu jitlesta fil-granet li ġejjin.

## 78.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**78.7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-078 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 78.8 Mozzjonijiet.

**78.9.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 78.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**78.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar it-Tnejn 29 ta' April fis-7:00 p.m.

Konfermati, il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |